MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Numru 660/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
**Vs**

**ANTHONY ATTARD**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTHONY ATTARD**, ta' tlieta w hamsin sena, bin Joseph u Manuela nee Frendo, imwieled il-Gudja nhar l-ghoxrin ta' Dicembru 1947 u joqghod 50, 'Redoubt Bar', Triq Gzira, B'Bugia, detentur ta' karta tal-identita` numru 1118847M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli bejn il-wiehed u tletin ta' Jannar 1996 u l-ghoxrin ta' Awissu 1998, kif wkoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu

maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, kkommetta serq tad-dawl tal-elettriku fl-ammont ta' hames mija u tlett liri u hdax il-centezmu mill-fond 'Redoubt Bar', Triq Gzira, B'Bugia, bhala detentur ta' dan il-fond jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u hin.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel hsara fil-gumni jew fil-makkinarju tal-elettriku jew ikkaguna hsara jew telf ta' kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lil imputat jhallas l-ispejjes tan-nomina ta' esperti jew periti nominati ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed u tletin ta' Ottubru 2001 esibit fl-atti a fol 3 markat bhala dokument CSH 1 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju fis-seduta tal-hmistax ta' Dicembru 2003.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2004.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega illi l-imputat kellu meter irregolari u bhala rizultat ta' dan sar serq ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta fl-ammont ta' hames mija u tlett liri u hdax il-centezmu.

**George Farrugia xehed nhar l-ghoxrin ta' Awissu 1998 ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta** fejn spjiega li huwa mar jaghmel spezzjoni fl-istabbiliment maghruf bhala 'Redoubt Bar', sitwat fi Triq Gzira, B'Bugia u meta fetah il-meter sab bicca kartuna ta' pulzier u nofs, is-sigill ta' fuq kien nieqes, is-sigill ta' isfel ma kienx maghfus bis-sigilli tal-Korporazzjoni Enemalta, il-gasket ma kienx f'postu u r-rotating disc kienet mibruxa. Illi dan nonostante, pero il-meter kien qed jirregistra konsum normali.

**Andre Sapiano xehed nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2003** fejn ikkonferma li hu kien ma George Farrugia waqt l-ispezzjoni w ikkonferma dak kollu li sab hu.

**L-imputat ghazel li jixhed kif fil-fatt ghamel fis-seduta tal-hmistax ta' Dicembru 2003** fejn cahad li hu qatt baghbas il-meter jew li kien jaf b'xi irregolarita dwaru. Anzi spjiega li kien hu stess li talab lil rappresentanti tal-Korporazzjoni Enemalta biex jigu jbiddlu l-meter u jaghtuh three phase ghaliex kien qed jaqta. Fil-fatt meta xehed fl-inkjesta a tempro vergine tal-investigazzjoni, huwa zamm l-istess versjoni tal-fatti u cioe li kien mela formala ghand l-Korporazzjoni Enemalta biex jinbidel il-meter.

Mistoqsi jekk kienx jaf bil-kartuna u bil-gasket irregolari, l-imputat wiegeb fin-negattiv; anzi qal li kieku kien jaf bihom kien jirrapporta.

Illi r-reat prospettat fl-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali, li bih huwa akkuzat l-imputat, jistabilixxi li jekk jigi ppruvat l-ksur u l-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehd jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, jew jbiddel r-registrazzjoni tal-konsum elettriku, allura jitqies bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, <u>jaf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku,</u> **sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju**.

Ghalhekk f'dan il-kaz l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqax aktar fuq l-Prosekuzzjoni, izda jinkombi fuq l-imputat. Ir-

rizultat ta' dan l-ispustjar tal-prova ghal fuq l-imputat hu li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facili u b'hekk hi tkun tista tasal fejn trid minghajr sforzi ta' xejn.

Hu evidenti li dan is-sub artikolu 264(2) tal-Kap 9 johloq presunzjoni ta' dak, *juris tantum* li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Kull ma trid tipprova l-Prosekuzzjoni skond dan l-artikolu hi l-ezistenza tal-ksur tas-sigill jew sigilli u/jew l-ezistenza tal-mezzi qarrieqa idonei biex isir l-uzu u l-konsum illegittimu tad-dawl.

F'dan il-kaz din il-prova il-Prosekuzzjoni ghamlitha minghajr ebda dubbju lanqas wiehed ragjonevoli u ghalhekk l-oneru tal-prova kuntrarja gie spustjat ghal fuq l-imputat sabiex juri b'mod verosimili u sufficjentement konvincenti li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma dan it-tbaghbis fil-meter.

Illi skond l-artikolu 638(2) tal-Kap 9, dak li jghid xhud wiehed, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti, jaghmel prova bizzejjed, shiha u kompluta daqs li kieku dak il-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Il-Qorti hija moralment konvinta li l-versjoni moghtija mill-imputat, ghalkemm wahda semplici, hija veritiera u ghalhekk m'ghandha l-ebda dubbju li huwa ma kellux x'jaqsam mal-istat ta' kif kien nstab l-meter mill-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta, u ghalhekk ai termini tal-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija bizzejjed biex tipprova li hu mhux hati tal-akkuzi dedotti kontrih.

Il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tiskarta x-xhieda tieghu daqstant semplici u genwina.

Il-Qorti tirrileva li, wara kollox fl-ebda hin ma l-ligi tispostja l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat ghal fuqu. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favur taghha din il-presunzjoni li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni, bhal ma fil-fatt gara f'dan il-kaz.

Illi jigi rilevat li l-presunzjoni *juris tantum* ma hiex wahda assoluta u li ghandha tigi applikata bl-akbar rigorosita. Din tregi biss sakemm ma jingibux provi kuntrarji, bhal ma gara f'dan il-kaz.

Jirrizulta f'dan il-kaz li l-kartuna li nstabet fil-meter ma kelliex per se xi influwenza fuq ir-registrazzjoni tal-konsum tad-dawl u dan ghaliex il-meter baqa jahdem tajjeb.

Ghalhekk mill-assjem tal-provi, minkejja tali presunzjoni tal-ligi, jirrizulta, skond din il-Qorti, li hemm bizzejjed biex jinghad li din il-presunzjoni giet meghluba u li jezisti dubbju ragjonevoli f'dan il-kaz.

Bix-xhieda tieghu l-imputat irnexxilu jasal sa dak il-grad ta' probabilita rikjest mill-ligi.

Ghal dawn r-ragunijiet, **l-Qorti** rat l-artikolu tal-ligi u cioe l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ma ssibx lil imputat ANTHONY ATTARD hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kwindi qed tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina ta' esperti jew periti f'dan il-kaz, stante li din il-Qorti ma sabitx lil imputat hati ta' dawn l-akkuzi, tiddecidi billi tichad tali talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------